MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 7/2011/1

**Salvina Muscat, Guza Barbara, Carmelo Muscat, Maria Gafa', Emanuel Muscat u Francis Muscat**

**Vs**

**Nicolo Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-24 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord:-*

*Ra ir-rikors promotur ippresentat fil 5 ta' Mejju 2011 mir-rikorrenti Salvina Muscat et fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Bord, diversament kompost, fis-17 ta' Novembru 2010, fl-ismijiet 'Maria Baldacchino vs Nicola Muscat' Rikors Nru 26/02, fejn ir-rikorrenti, lkoll bhala eredi tal-mejjet Nicola Muscat, kienu gew ordnati jizgumbraw mill-art diviza maghrufa bhala 'Tat-Taflija', fil-Girgenti, limiti tas-Siggiewi.*

*Illi r-rikorrenti jikkontendu li l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq xhieda foloz ta' certu Joseph Futajar u Joseph Gatt illi kienu ddeponew fil-proceduri fl-ismijiet 'Carmelo Gauci et vs Nicola Muscat', Citazz Nru 2727/93 GV, li kienet giet deciza a favur ta' missier ir-rikorrenti fis 27 ta' Gunju 2003.*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti ikkontendew li, la darba l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq tali xhieda, huma kellhom id-dritt illi jtiolbu li l-kawza tigi ritrattata mill-gdid a tennur tal-Artikolu 13 (1) (a) tal-Kap 199, u ghalhekk talbu lill-dana il-Bord sabiex jirrevoka s-sentenza moghtija fis 17 ta' Novembru 2010 u jordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza.*

*Ra ir-risposta ta' Nicolo Baldacchino ippresentat fil 15 ta' Lulju 2011 fejn, fuq bazi preliminari, sahaq illi r-rikors promotur kien null peress illi r-rikors promotur kien nieqes minn diversi elementi amministrattivi bhalma kienu numru ta' l-identifikazzjoni, carezza dwar il-partjiet rikorrenti u carezza dwar liema kap tas-sentenza qed tigi attakata.*

*Fil-meritu, l-intimat ikkontenda illi l-artikolu 13 (1) (a) tal-Kap 199 ma japplikax ghal kaz in ezami peress illi dina tapplika meta tali xhieda falza tinghata mill-parti l-ohra, ossija mill-intimat stess, izda, fil-kaz in ezami, ix-xhieda li r-rikorrent qed jikkontendu kienet falza, kienet xhieda ta'zewgt persuni, hbieb ta' missier ir-rikorrenti, illi l-istess missier ir-rikorrenti kien ressaqhom f'kawza il-Qorti sabiex jixhdu a favur tieghu, u dana b'success, peress illi rebah il-kawza li kellu.*

*L-intimat sahaq ukoll illi, filwaqt li fil-proceduri li fihom attwalment kienu xehdu tali persuni, ir-rikorrenti ma kienux oggezzjonaw ghax-xhieda taghhom, peress illi rebhu il-kawza, fil-proceduri illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, ix-xhieda taghhom ma gietx kontestata sakemm il-Bord ghadda ghas-sentenza. Apparti minn hekk, l-istess rikorrenti kellhom dritt, kieku riedu, illi jintavolaw appell minn tali sentenza, liema appell huma ma intavolawx.*

*Ghalhekk l-intimat talab illi l-azzjoni odjerna tigi michuda bl-ispejjez.*

*Rat illi kontestwalment mal-proceduri odjerni, l-intimat intavola zewgt proceduri ohra, li qed jigu decizi illum wkoll, fejn, f'wiehed minnhom, talab illi d-digriet ta' dana il-Bord, diversament ppresjedut, moghti fl 20 ta' Mejju 2011, illi biha ssosspenda l-ezekuzzjoni tas-sentenza, ghandu jigi revokat 'contrario imperio', filwaqt illi fl-iehor talab illi ir-rikorrenti jinstabu hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti peress illi, wara illi gie ezewit il-Mandat ta' Zgumbrament u mibdula il-katnazzi tal-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, ir-rikorrent regghu biddlu l-katnazzi.*

*Rat illi fl-20 ta' Jannar 2012, gew allegati l-atti tar-rikors Nru 26/02 fl-ismijiet* ***Mario Baldacchino et vs Nicola Muscat et*** *deciz fis 17 ta' Novembru 2010.*

*Rat l-affidavits ta' **Salvina Muscat** u **Francis Muscat** ippresentati fis 26 ta' Jannar 2012.*

*Rat l-affidavits ta' **Joseph Gatt** u **Joseph Cutajar** ippresentati fit 30 ta' Marzu 2012.*

*Semghet ix-xhieda, in kontro ezami, ta' Salvina Muscat, moghtija fil 21 ta' Novembru 2012.*

*Semghet ix-xhieda ta' **Nicolo Baldacchino** moghtija fil 21 ta' Novembru 2012.*

*Rat illi fit 28 ta' Jannar 2013 il-partijet qablu li ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u, fit 28 ta' Frar 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta tan-noti.*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-kawza odjerna, fis-succint, hija kawza fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li decizjoni moghtija mill-Bord fis 17 ta' Gunju 2010 tigi dikjarat bhala nulla ghax ibbazata fuq provi foloz.*

*Illi, ghalhekk, f'dana l-istadju, ikun opportun illi dana il-Bord jirriproduci dik il-parti tas-sentenza illi qed tigi attakata fejn saret referenza ghal tali xhieda.*

*" Ir-rikorrenti Mario Baldacchino qatt ma xehed f'din il- kawza ghaliex miet fil-mori izda xehed ibnu li f'ismu kienu legittimati l-atti. Minn dak li dan ix-xhud jaf hu stess bhala fatt u mhux dak li qallu missieru, jallega li r-ritratti esebiti kienu ittiehdu minn missieru bil-camera tax-xhud u meta mar fuq ir-raba' seta jara hu stess li l-ghalqa kienet qed tintuza ghall-skopijiet ta' kacca u insib. Kien inkarigat perit arkitett biex jaghmel valuri tal-beni ta' missier ir- rikorrenti u dan ukoll kkonferma li l-art qed tintuza, in parti, ghal skopijiet ta' insib.*

*Ma dan il-process kien akkluz ukoll il-process Carmelo Gauci et vs Nicholas Muscat PA2727/96 GV deciz fis-27 ta' Gunju 2003 fejn il-konvenut huwa l-istess intimat f'din il-kawza. Kawza din fuq mertu separat izda li r-rikorrenti deherlu li tikkontjeni xhieda pertinenti ghal kaz in dizamina. Minn ezami ta' dan il- process jemergi li Joseph Cutajar, xhud tal-istess konvenut u intimat odjern, kien qal hekk: "<u>Naf fejn l-konvenut ghandu l-ghalqa billi kien tani bicca minnha biex nahdimha minn xi 35 sena. Biex nidhol fil-bicca tieghu nghaddi minn passagg ..</u>" (fol.97). In kontro-ezami, dan ix-xhud qal li "<u>l-art l-konvenut tahieli bi pjacir u bla ebda drittijiet tieghi</u>" (fol 97). Joseph Gatt, xhud iehor, qal li "<u>Binti mizzewga ghand il-konvenut u mmur fl-ghalqa tieghu in kwistjoni ghall-kacca u gieli biex nghinu. Parti minn din l-ghalqa tinhadem minn Joseph Cutajar bi pjacir tal-konvenut</u>" (fol 99). "<u>L-aktar li nidhol fil-ghalqa tal- konvenut hu f'April u f'Settembru, zmien il-kacca u nidhol kuljum filghodu u filghaxija, u gieli ghaddejt f'xhur ohra tas-sena</u>" (fol. 100). Dawn ix-xhieda ddeponew fl-20 u fit- 28 t'Ottubru 1998. Ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti juru kjarament li dik ir-raba qed tintuza ghal-skopijiet ta' insib, liema ritratti fl-ebda hin ma kienu kontradetti.*

*Illi dwar l-alleggata sullokazzjoni jew cessjoni tar-raba' jirrizulta mill-provi akkwiziti illi hawn si tratta ta' cessjoni ta' parti minnu b'mod gratwit. Dan jirrizulta fil-konfront ta' Joseph Cutajar kif ukoll fil-konfront ta' Joseph Gatt ghaliex dan tal-ahhar ma' jentrax fil-definizzjoni ta' "membru tal-familja" li favur tieghu tista' ssir cessjoni minghajr il-kunsens tas-sid."*

*Illi jidher car illi f'tali decizjoni, il-Bord wasal ghal konkluzjoni li l-intimat f'dawk il-proceduri, ossija ir-rikorrenti, kien issulloka l-art lill terzi minghajr il-permess tas-sid, ossija l-intimat fil-proceduri odjerni, abbazi tax-xhieda ta' Joseph Cutajar u Joseph Gatt illi kienu xhieda illi ir-rikorrenti kienu pproducew a favur taghhom f'kawza illi kellhom dwar dritt ta' passagg illi kellhom u li kien qed jigi kkontestat fil-kawza 2727/96.*

*Illi, wara illi l-proceduri kollha quddiem il-Bord li wasal ghas-sentenza li qed tigi impunjata inghalqu permezz ta' decizjonifavur l-intimat odjern, ir-rikorrenti ipproducew quddiem dana il-Bord l-istess zewgt xhieda illi, skond huma, xehdu b'mod falz, liema xhieda huma pproducew permezz ta' affidavits.*

*Joseph Gatt, fl-affidavit tieghu qal is-segwenti:- "Huwa qatt ma talabni xejn u jien nghid li kont nitla meta jkun hemm huwa biss u nqatta' siegha hemm. Nichad li jiena qatt krejt xi raba minghand Kola Muscat."*

*Joseph Cutajar, minn naha l-ohra, qal is-segwenti: Jiena kont noqghod hemm mieghu u xidrabi anke tellajt mieghi s-senter u hraqna xi sewgt tiri meta jkun zmien il-gamiem u cioe' f'April u Settembru. Illi jiena nichad li Kola kien qatt wellili xi raba jew li hallast xi flus ghar-raba u jiena kont inkun mieghu ghal passatemp u ghal-kumpannija".*

*Illi johrog car illi x-xhieda li ta Joseph Cutajar quddiem dana il-Bord huwa diamterikament oppost ghal dak illi l-istess Cutajar kien qal bil-gurament quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, meta huwa kien stqarr illi Nikola Muscat kien tah bicca art gahl madwar hamsa u tletin sena sabiex jahdimha u dana bi pjacir.*

*Il-Bord ma' jistax ma jinnutax illi jidher car illi Joseph Cutajar qieghed jigdeb fix-xhieda tieghu quddiem dana il-Bord, u, filwaqt illi l-Bord huwa ttentat sabie jordna lill-Kummissarju tal-Puluzija sabiex jibda proceduri kriminali kontra tieghu, in vista ta' l-eta tieghu, sejjer jevita aktar xoghol lill-Kummissarju tal-Puluzija u jhalli lill-istess Cutajar jirrispondi ghaliha meta jiltaqa' mat-tmiem inevitabbli ta' kull bniedem uman.*

*Madanakollu, il-Bord ma jistax ma jinnutax illi l-uzu ta' tali xhieda, da parte tar-rikorrenti, intiza unikament sabiex ittawwal proceduri illi nbdew fis sena 2002 bil-ghan illi jibqu jgawdu minn propjeta' li gew zgumbrati minnha fis-sena 2010 hija uzu hazin u skorrett tal-proceduri ta' ritrattazzjoni illi l-intenzjoni taghha hija illi tassikura li, f'kaz illi jsir il-qerq minn min qed jadopera mill-proceduri tal-Qorti, tali qerq ikun jista jigi korrett. Jidher izda li, fil-kaz odjern, il-qerq ma huwiex qieghed jintuza minn min adopera mill-proceduri odjerni, izda qieghed jintuza minn min attwalment gie ordnat korrettement mill-Bord, diversament ippresjedut, sabeix jivvaka l-art minnu okkupata.*

*Illi, kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Anthony Aquilina vs Avv Anthony H Farrugia et**" deciza fis 16 ta' Frar 2004, l-istitut ta' ritrattazzjoni:-*

*... huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et gie osservat li "L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi– prim' istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu*

*issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.*

*Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza Mark Causon vs Carmel Portelli noe et b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li "Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall- principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il- kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il- gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur....Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar- ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat- tielet istanza (Koll Vol.XLIII - I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi."*

*Illi tenut kont ta' dan l-insenjament, il-Bord trid tapplika ta' interpretazzjoni strettissima hija u tinterpreta l-provi prodotti u l-ligi li fuqha qieghda tigi bbazata l-kawza odjerna.*

*L-artikolu 13 (1) (a) tal-Kap 199 illi fuqha qed jibbazaw l-azzjoni odjerna ir-rikorrenti jipprovdi illi tista ssir talba ghal-ritrattazzjoni joni, u l-Bord għandu jilqa' t-talba, jekk-*

*(a) ir-rikorrent jipprova għas-sodisfazzjon tal-Bord illi d-deċiżjoni tiegħu fil-proċeduri tkun ġiet determinata minn rappreżentazzjoni ħażina ta' fatti jew minn dikjarazzjoni falza magħmula mill-parti l-oħra fil-proċeduri;*

*Issa, fil kawza odjerna, jirrizulta ben car illi kwalsiasi dikjarazzjoni illi r-rikorrenti qed jikkontendu kienet falza, ma saritx mill-parti l-ohra fil-*

*proceduri, ossija l-intimat fil-proceduri odjerni, izda saru minn xhieda illi l-istess rikorrenti kienu pproducew huma stess, a favur taghhom, f'kwistjoni illi huma kellhom ma persuna ohra li kellu ghalqa vicina, fuq dritt ta' passagg.*

*Illi ghalhekk, johrog car illi dak rikjest mill-Ligi, jigifieri illi d-dikjarazzjoni falza trid tkun saret mill-parti l-ohra, ma jirrizultax. Ghalhekk, tenut kont tal-mod restrittiv illi dana il-Bord ghandu japplika tali massima tal-Ligi, dak rikjest mil-Artikolu 13 (1) (a) ma jirrizultax.*

*Apparti minn hekk, sabiex jigi evitat xi tip ta' incertezza, il-Bord ma emmnet xejn ix-xhieda ta' Joseph Gatt u Joseph Cutajar moghtija quddiem dana il-Bord, peress illi huwa falz u inveritjer u intiz unikament sabiex jagevola l-argumenti imressqa mir-rikorrenti quddiem dana il-Bord, haga li ma saritx.*

***Konkluzjoni***

*Il-Bord,*

*Wara illi ra il-provi kollha prodotti jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi*

*Jichad it-talbiet kollha attrici.*

*Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti."*

Illi dana huwa appella minn sentenza moghtija mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fejn r-rikorrenti tallbu illi issir ir-ritrattazzjoni ta' kawza fl-ismijiet

Maria Baldacchino vs Nicola Muscat (Rks. Nru. 26/02) a tenur ta'l-artikolu 13(1)(a) tal-Kapitolu 199, billi jallegaw illi l-Bord ibbaza id-decizjoni tieghu fuq xhieda falza moghtija minn certu Joseph Cutajar u Joseph Gatt mhux f'dik il-kawza izda f'kawza ohra deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Carmelo Gauci et vs Nicola Muscat deciza fis-27 ta' Gunju 2003, liema xhieda giet allegata mal-atti tal-kawza. Illi l-Bord fis-sentenza impunjata cahad it-talba taghhom u ghalhekk hassewhom aggravati minn dik id-decizjoni essenzjalment abbazi ta' aggravvju wiehed u cioe':

1. Illi kuntrarjament ghal dak deciz mill-Bord , anke xhieda ta' terzi persuni, mhux parti fil-kawza jaqghu fil-parametri ta' dak dispost fl-artikolu 13(1)(a) tal-Kapitolu 199.

Illi l-appellati iwiegbu ghal dan billi isostnu illi l-appell fih innifsu huwa irritu u null billi ma jezisti l-ebda dritt ta'appell minn decizjoni moghtija mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' abbazi ta'l-artikolu 13(1)(a) tal-Kapitolu 199 billi dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord huma biss dawk ikkontemplati fl-artikolu 10(1) u cioe' meta tinghata decizjoni ai termini ta'l-artikolu 4 jew l-artikolu 25 jew f'kull kaz fuq punti ta' ligi biss.

Illi iktar minn nullita' u irritwalita ta' dana l-appell, il-Qorti tqies illi hija l-procedura kollha ta' ritrattazzjoni intavolata mir-rikorrenti appellanti illi hija wahda irritwali billi ma jidhirx illi kien hemm appell mid-decizjoni tal-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta'Raba' moghtija fis-17 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet Mario Baldacchino vs Nicola Muscat fejn gie ordnat l-izgumbrament ta'l-

intimat mir-raba imqabbla lilu. Illi kien biss sitt xhur wara li inghatat id-decizjoni illi r-rikorrenti appellanti, eredi ta'l-intimat Nicola Muscat f'dik il-kawza, intentaw dawn il-proceduri sabiex jippruvaw jevitaw l-isfratt mill-art minnhom okkupata.

Illi l-artikolu 13(4) tal-Kapitolu 199 jipprovdi:

**Ma tistax tintalab ritrattazzjoni f'każ li fih id-deċiżjoni tkun suġġetta għal appell skont l-artikolu 10 u meta l-fatti li jikkostitwixxu r-raġunijiet għal dik ir-ritrattazzjoni jkunu ġew għall-konjizzjoni tal-parti li talleghom qabel l-iskadenza tat-terminu preskritt ghall-appell.**

Illi minn ezami akkurat ta'l-atti kollha, kemm dawk tal-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll dawk tal-kawza quddiem il-Bord, jirrizulta illi mal-mument tad-decizjoni ir-rikorrenti kellhom f'idejhom iz-zewg verzjonijiet moghtija mix-xhieda Joseph Gatt u Joseph Cutajar. Kwindi ma kien hemm xejn x'jostakolhom milli jinterponu appell minn dik id-decizjoni jekk hassewhom aggravati bil-fatt illi l-Bord kien ibbaza id-decizjoni tieghu fuq ix-xhieda moghtija minn dawn it-tnejn minn nies f'kawza ohra li kienet fil-fehma taghhom inveritjiera. Dana ghaliex kienet fuq talba taghhom stess illi gew prodotti dawn ix-xhieda, kif kienet ukoll fuq talba taghhom illi gew allegati l-atti tal-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn kienu iddeponew dawn it-tnejn minn nies bhala xhieda prodotti minnhom stess biex jagevolawhom f'dik il-kawza. Gialadarba kwindi ir-rikorrenti ghazlu li ibaxxu rashom ghad-decizjoni tal-Bord, baqghu inattivi u hallew it-terminu ta'l-appell jiddekorri biex b'hekk dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, ma jistghux issa, jaghmlu uzu mir-

rimedju straordinarju li huwa dak tar-ritrattazzjoni biex jevitaw l-estremi ta'l-izgumbrament.

Ma jezisti ebda dubju illi r-rimedju ghas-smigh mill-gdid rizervat mil-ligi specjali fl-Artikolu 13 huwa wiehed straordinarju u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex tilqa' talba ghaldaqstant jekk il-parti li tkun qed titlobha ma tkunx ezawriet ir-rimedji kollha moghtija mil-ligi jew jekk ikun jitratta ta' cirkostanzi li ikunu issopravvenew wara.

Illi apparti dina l-konsiderazzjoni il-Qorti thoss illi ghandha tigbed l-attenzjoni tar-rikorrenti appellanti illi l-artikolu 13(1)(a) tal-Kapitolu 199 li abbazi tieghu huma qeghdin jitolbu ir-ritrattazzjoni jitkellem car dwar il-falzita ta' dikjarazzjoni moghtija mill-parti l-ohra fil-kawza u mhux minn xhieda prodotti biex jixhdu minn xi parti fil-kawza, f'dana il-kaz mir-rikorrenti stess.

Is-sentenza fl-ismijiet "**Emanuele Brincat -vs- Norman Xuereb *nomine***", Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 1997, similment torbot id-dikjarazzjoni falza ghal fini f'dak il-kaz, ta' l-Artikolu 42, Kapitolu 69 mal-mala fede, ossija dikjarazzjoni intenzjonalment diretta biex tippregudika jew tizvija d-difizi ta' l-avversarju billi tohloq sitwazzjoni diversa minn dik reali u b'hekk, ukoll, timpedixxi lill-gudikant milli jkollu gharfien sewwa tal-verita` processwali. Rekwizit dan ravvizabbli fil-gidba jew fis-silenzju fuq fatti decizivi tal-kawza.

Illi dan ma kienx il-kaz f'din il-kawza billi il-Bord ma ibbazax id-decizjoni tieghu fuq dilkjarazzjoni falza intenzjonalment maghmula minn xi parti bl-iskop li tizvija lill-Qorti, izda kienet ibbazata fuq xhieda ta' terzi li ma kellhom l-ebda konnessjoni mal-kawza u kwindi ma hemmx dubbju dwar l-inapplikabbilita ta'l-artikolu 13(1)(a) ghal kaz in dizamina.

Illi l-artikolu tal-ligi li forsi seta' isib xi applikazzjoni ghal lanjanza tar-rikorrenti appellanti huwa d-dispost ta'l-811(j) Kapitolu 12 li jaghti il-jedd ghal ritrattazzjoni anke ghar rigward ta' decizjonijiet moghtija mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba':

"**jekk is-sentenza tkun ġiet deċiża fuq provi li, b'sentenza mogħtija wara, jiġu ddikjarati foloz, jew, li jkunu ġew hekk iddikjarati b'sentenza mogħtija qabel, iżda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt.**"

Il-ligi, madanakollu tenhtieg gudizzju separat li permezz tieghu ix-xhieda tkun giet dikjarat bhal wahda falza u dana qabel ma tigi mitluba r-ritrattazzjoni tad-decizjoni, haga li ma jidhirx illi sehhet f'dana l-kaz. Ghaldaqstant r-rikorrenti lanqas ma jistghu isibu rifugju f'dina id-disposizzjoni tal-ligi. Dana qed jinghad ghal kompletezza tal-atti billi mir-rikors promotur jirrizulta illi it-talba ghar-ritrattazzjoni qed issir abbazi ta' dak dispost fl-artikolu 13(1)(a) tal-Kapitolu 199.

Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi l-aggravvju ta'l-appellanti huwa ghal kollox wiehed infondat. Jidher illi l-appellanti qeghdin jiggranfaw ma kull istitut

procedurali u legali sabiex jevitaw l-effetti tal-gudizzju moghti fil-konfront taghhom u cioe' sabiex jibqghu izommu pussess u kontroll fuq l-art proprjeta ta'l-intimat appellat. Il-Qorti ma tista' qatt tippermetti illi jibqa' isir abbuz mis-sistema gudizzjarja minn min ghandu interess jevita is-sanzjonijiet legali u gudizzjarji impost fuqu.

Ghal dawn il-motivi l-appell tar-rikorrenti qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata fl-intier taghha.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mir-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------